DEĊIŻJONI TAL-BORD TAT-TMEXXIJA
TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA
LI TADOTTA L-**ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT** 2022 –CT/CA-008/2021MT

IL-BORD TAT-TMEXXIJA TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Entitajiet tal-Unjoni Ewropea ('iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni'), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-22 ta' Settembru 2019 applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Ref. CT/CA-028/2019),

Billi:

(1) Il-bord tat-tmexxija għandu jadotta l-baġit taċ-Ċentru abbażi tal-abbozz imħejji mid-Direttur;

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-abbozz preliminari tal-baġit għall-2022 taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, kif anness għal din id-deċiżjoni, huwa b'dan adottat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidhol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fil-Lussemburgu, l-24 ta' Marzu 2021.

Għall-bord tat-tmexxija

(firma elettronika)
Rytis Martikonis

President

Anness: Abbozz preliminari tal-baġit 2022

ABBOZZ PRELIMINARI TAL-**BAĠIT 2022**

CT/CA-008/2021MT

WERREJ

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

B. DĦUL

C. INFIQ

D. ATTIVITAJIET

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – ĦARSA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – DETTALJI

ANNESS 1 – PJAN TA' STABBILIMENT

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

L-abbozz preliminari tal-baġit 2022 jinkludi:

A. Din l-introduzzjoni ġenerali;
B. Id-dħul taċ-Ċentru kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003, li b'mod partikolari jinkludi l-pagamenti magħmula mill-korpi li jaħdem għalihom iċ-Ċentru, u mill-istituzzjonijiet u l-organi li magħhom intlaħaq qbil dwar kollaborazzjoni tax-xogħol imwettaq minnu, inkluż attivitajiet interistituzzjonali;
C. Tqassim tal-infiq taċ-Ċentru skont it-titolu; u
D. Tqassim tal-infiq taċ-Ċentru skont l-attività. Din il-parti turi r-rabta bejn il-baġit għall-2022 u l-programm ta' ħidma għall-2022 billi tidentifika r-riżorsi allokati għal kull attività biex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi taċ-Ċentru. Dan jistipula wkoll l-istruttura konvenzjonali tal-baġit.

L-abbozz preliminari tal-baġit 2022 jirrifletti l-estimi tad-dħul u tal-infiq, kif inklużi fl-abbozz ta' dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2022-2024 (Ref. CT/CA-002/2021). Tħejja f'konformità mal-Artikoli 35-37 tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru. Sabiex iħejji l-abbozz preliminari tal-baġit 2022, iċ-Ċentru wettaq analiżi tal-infiq previst tiegħu u kiseb il-previżjonijiet tal-klijenti.

L-abbozz preliminari tal-baġit 2022 tħejja abbażi tal-prezzijiet applikabbli fl-2022 kif murija fit-tabella hawn taħt. L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma f'euro.

Prezzijiet applikabbli fl-2022:

Servizz ipprovdut	**Normali (EUR)**	**Bil-mod (EUR)**	**Urġenti (EUR)**	**Urġenti ħafna (EUR)**
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna)	96.00	91.20	120.00	172.80
Modifika (prezz għal kull paġna)	172.00	163.40	215.00	
Reviżjoni (prezz għal kull paġna)	60.00	57.00	75.00	
Editjar (prezz għal kull paġna)	39.00	37.05	43.90	
Trademarks (prezz għal kull paġna)	EUR 41.93 għal 197 221 paġna			
Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu)	EUR 4.00			
Listi ta' termini (prezz għal kull terminu)	EUR 4.00			
Reviżjoni ta' listi ta' termini (prezz għal kull terminu)	EUR 2.50			
Terminoloġija (prezz għal kull jum ta' xogħol)	EUR 900			
Konsulenza dwar il-lingwa (prezz għal kull jum ta' xogħol)	EUR 900			
Sottotitolar (prezz għal kull minuta)	EUR 41.00			

Ħlasijiet addizzjonali applikabbli fl-2022:

Tip ta' dokument	EUR
Format kumpless (prezz addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	15.00
Format PDF u dokumenti stampati (prezz addizzjonali għal kull paġna tad-dokument sors)	12.00
Dokumenti Klassifikati / Sensittivi mhux klassifikati (prezz addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	20.00
Lingwa mhux tal-UE (prezz addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira)	10.00
Upload ta' dokument tal-web (prezz addizzjonali għal kull lingwa fil-mira fil-każ ta' fajls multipli jew għal kull talba fil-każ ta' fajls waħedhom)	10.00

B. DĦUL

Il-previżjoni tad-dħul totali għall-2022 hija EUR 45.3 miljun, b'EUR 44.1 miljun fit-Titoli 1-4. Il-previżjoni tad-dħul hija mqassma kif ġej:

Titolu	**Dħul (EUR)**
1. Aġenziji u korpi	43 393 100
3.Kooperazzjoni interistituzzjonali (istituzzjonijiet Ewropej)	634 300
4. Dħul ieħor	102 400
5. Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti u trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	1 193 600

Id-dħul previst taċ-Ċentru huwa bbażat fuq l-istimi pprovduti mill-klijenti tiegħu u jinkludi l-impatt possibbli tat-tfaddil għal kull klijent ikkalkulat miċ-Ċentru. Għaldaqstant għandu jkun enfasizzat li d-dħul stmat huwa soġġett għal bidla, skont il-ħtiġijiet attwali tal-klijenti u l-baġits tagħhom. Abbażi tal-previżjonijiet tal-klijenti, id-dħul stmat għall-2022 fit-Titolu 1 huwa EUR 43.4 miljun meta mqabbel ma' EUR 44.2 miljun fil-baġit 2021 (-1.9 %). Id-dħul previst għall-2022 huwa EUR 0.5 miljun iktar (1 %) mid-dħul reali ta' EUR 42.9 miljun riċevuti mill-klijenti fl-2020.

L-akbar klijent taċ-Ċentru, l-EUIPO (l-'Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea'), ippreveda tnaqqis fid-dħul ta' EUR 2.8 miljun (-25.6 %) għat-traduzzjoni ta' trademarks tal-UE fl-2022 (Partita 1006) meta mqabbel mal-baġit 2021. Id-dħul previst għall-2022 huwa EUR 3.9 miljun inqas (-32 %) mid-dħul reali riċevut għat-traduzzjoni ta' trademarks tal-UE fl-2020. Barra minn hekk, il-previżjoni tad-dħul tal-EUIPO għal servizzi oħra naqset b'5 %, jiġifieri minn EUR 4.2 miljun fil-baġit 2021 għal EUR 4.0 miljun fl-2022 (Partita 1005), u dan huwa 1.1 % ogħla (EUR 44 549) mid-dħul riċevut għal servizzi oħra fl-2020. Il-previżjoni ġenerali tagħhom għall-2022 hija 23.9 % inqas (EUR 3.9 miljun) mid-dħul totali riċevut mill-EUIPO fl-2020.

Bidliet sinifikanti oħra li jistgħu jiġu nnotati meta mqabbla mal-baġit 2021 huma tnaqqis fil-previżjonijiet mill-ERA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji) b'65.9 % (EUR -532 700) u l-EBA (Awtorità Bankarja Ewropea) b'41.1 % (EUR - 446 900). Meta mqabbel mal-baġit 2021, CEPOL (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi) żiedet il-previżjoni tagħha b'258.8 % (EUR 48 400), ERCEA (Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka) bi 377.4 % (EUR 55 100), REA (Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka) b'61.8 % (EUR 746 700), ACER (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-

Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija) b'39 % (EUR 187 600), eu-Lisa (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja) b'51.5 % (EUR 377 900) u EDPS (Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*) bi 38 % (EUR 472 300). Barra minn hekk, l-UPPE (Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew) bħala klijent ġdid ippreveda ammont ta' EUR 1.1 miljun fil-baġit 2022. Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta fis-Sezzjoni D, 'Attivitajiet', u l-Parti III, 'Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq - Dettalji'.

Id-dħul fit-Titolu 3 jikkorrispondi għad-dħul li jirċievi ċ-Ċentru fil-kapaċità tiegħu bħala amministratur tal-bażi tad-*data* IATE (Terminoloġija Interattiva għall-Ewropa). L-infiq taċ-Ċentru għall-IATE huwa rreġistrat fl-Infiq (Kapitolu 31).

Figura 1. Id-**dħul imqassam skont it-titolu u s-sena: 2020-2022 (Titoli 1, 3 u 4)**



Minbarra d-dħul mill-klijenti tiegħu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali, iċ-Ċentru qed jipprevedi dħul addizzjonali fit-Titolu 4, li prinċipalment jinkludi imgħax bankarju, u dħul mill-ospitar ta' servizzi ta' ċentri tad-*data* għall-ERA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji). Il-previżjoni għal dan id-dħul fl-2022 hija EUR 102 400, li hija 84.1 % ogħla mill-baġit 2021 u 72.4 % inqas mill-eżitu 2020.

Mill-'Fond ta' riżerva għall-istabilità fil-prezzijiet' iċ-Ċentru ttrasferixxa EUR 1 196 600 għad-dħul sabiex jibbilanċja l-abbozz preliminari tal-baġit 2022, b'hekk tħalla bilanċ stmat ta' EUR 5 600 fil-fond ta' riżerva fit-tmiem tal-2022. Għall-informazzjoni, wara r-riport tas-surplus tal-baġit tal-2020 għall-2021, il-bilanċ stmat tal-fond ta' riżerva huwa EUR 4 058 146.

C. INFIQ

L-infiq previst taċ-Ċentru għall-2022 huwa EUR 45.3 miljun. Fit-Titoli 1-3, il-baġit 2022 huwa inqas (-3.2 %) meta mqabbel mal-baġit 2021 u huwa 7.6 % ogħla mill-eżitu 2020. Din iż-żieda mill-2020 sal-2022 hija dovuta għall-aġġustamenti tas-salarji previsti fl-2021 u fl-2022 kif ukoll infiq ieħor li huwa soġġett ukoll għal indiċjar li aktarx iwassal għal infiq ogħla fl-2022. Barra minn hekk, din iż-żieda fit-Titolu 1 hija parzjalment ikkumpensata mit-tnaqqis sinifikanti fit-Titolu 2 u t-Titolu 3 b'riżultat tan-negozjar il-ġdid relatat mat-tnaqqis tas-superfiċje tal-art tal-bini u t-tnaqqis fil-volum tal-esternalizzazzjoni lill-fornituri esterni tas-servizzi lingwistiċi. Il-previżjoni tal-infiq hija mqassma kif ġej:

Titolu	**Infiq (EUR)**
1. Persunal	27 840 200
2. Bini, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju	7 500 000
3. Infiq Operattiv	9 983 200
10. Fondi ta' Riżerva	p.m.

Sabiex jindirizza ż-żieda globali fl-ispejjeż tal-persunal, spejjeż oħra marbuta mal-indiċi u spejjeż tal-IT, iċ-Ċentru ħa diversi miżuri biex inaqqas l-infiq baġitarju tiegħu. L-azzjoni ewlenija kienet li jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-approprjazzjonijiet tal-infiq fil-maġġoranza tal-partiti tal-baġit biex ikun kopert biss dak li mistenni jkun meħtieġ. Dan ifisser li ċ-Ċentru naqqas il-marġni tiegħu għal minimu f'linji baġitarji ewlenin u għaldaqstant il-flessibbiltà tiegħu tnaqqset b'mod sever. Il-miżuri ntgħażlu sabiex l-impatt previst fuq il-klijenti jkun minimu. Ħarsa ġenerali lejn l-infiq skont it-titolu, inkluż tqabbil mal-baġit 2021 u l-eżitu għall-2020, hija ppreżentata fil-figura ta' hawn taħt.

Figura 2. Id-**dħul imqassam skont it-titolu u s-sena: 2020-2022 (Titoli 1, 2, 3 u 10)***



	Titolu 1 (EUR)	Titolu 2 (EUR)	Titolu 3 (EUR)	Titolu 10 (EUR)	Total (EUR)
Abbozz preliminari tal-baġit 2022	27 840 200	7 500 000	9 983 200	p.m.	45 323 400
Baġit 2021	27 571 500	8 279 600	10 958 200	p.m.	46 809 300
Eżitu 2020	24 430 429	6 725 501	10 961 389	0	42 117 319
% tal-bidla 2021-2022	1.0%	-9.4%	-8.9%	0.0%	-3.2%

* Titolu 1: 'Persunal'; Titolu 2: 'Bini, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju'; Titolu 3: 'Infiq operattiv'; u Titolu 10: 'Fondi ta' Riżerva'. Il-baġit għat-Titolu 10 fl-2021 u fl-2022 huwa pro memoria (p.m.), u jintwera bħala '0' fl-2020.

Titolu 1: PERSUNAL

Il-baġit għat-Titolu 1 fl-2022 huwa EUR 27.8 miljun, 1 % ogħla mill-baġit 2021, u dan jirrappreżenta żieda ta' EUR 268 700. Il-baġit taċ-Ċentru jipprevedi aġġustamenti potenzjali tas-salarji annwali, stmati għal 0.8 % fis-sena, kif ukoll avvanzi fil-gradi biennali u promozzjonijiet. Il-baġit huwa bbażat fuq il-Pjan ta' Stabbiliment ta' 196 post tax-xogħol li baqa' fl-istess livell ta' dak approvat mill-Awtorità Baġitarja għall-2021. Il-baġit jikkunsidra wkoll fatturi bħall-proporzjon ta' fatturat u x-xejriet tax-xogħol tal-persunal. Dan kollu ta' hawn fuq iwassal għal żieda ta' 0.4 % (EUR 86 000) fl-Artikolu 110, 'Persunal f'impjieg attiv' filwaqt li l-baġit għal persunal kuntrattwali (Partita 1115) żdied b' 0.7 % (EUR 12 100) fl-2022 meta mqabbel mal-baġit 2021.

Titolu 2: BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV MIXXELLANJU

Il-baġit għal Titolu 2, 'Bini, tagħmir u nfiq operattiv mixxellanju', jilħaq EUR 7.5 miljun fl-2022. Dan naqas b'9.4 % meta mqabbel mal-baġit 2021. It-tnaqqis huwa l-aktar minħabba n-negozjar il-ġdid relatat mat-tnaqqis tas-superfiċje tal-art tal-bini u l-pjan li jiżdied it-telexogħol.

Għandu jiġi enfasizzat li l-infiq fit-Titolu 2 jinkludi l-infiq għall-ospitar ta' ċentru tad-*data* għall-ERA ('Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji'). F'konformità mal-prinċipju tal-universalità, id-dħul riċevut mill-ERA hu rreġistrat bħala dħul, għall-kuntrarju ta' tpaċija tal-infiq.

Titolu 3: INFIQ OPERATTIV

Il-baġit għal Titolu 3, 'Infiq Operattiv', ikopri l-esternalizzazzjoni tas-servizzi tat-traduzzjoni, is-servizzi tekniċi relatati mas-servizzi lingwistiċi, kooperazzjoni interistituzzjonali, u l-programm eCdT. Dan jilħaq EUR 10 miljun fl-2022 u tnaqqas bi 8.9 % meta mqabbel mal-baġit 2021. Dan huwa EUR 1 miljun inqas mill-eżitu 2020.

Il-baġit għal servizzi esterni tat-traduzzjoni jikkostitwixxi l-parti ewlenija tal-baġit tat-titolu, jiġifieri 92.7 % fl-2022. L-ispiża reali ta' dawn is-servizzi tiddependi minn numru ta' fatturi, bħall-bidliet fil-klassifikazzjoni tal-forniturі skont il-kuntratti qafas eżistenti u l-prezzijiet maqbula skont kuntratti qafas futuri, li jiddependu wkoll mill-iżviluppi ekonomiċi fl-Istati Membri. Il-baġit għall-2022 huwa EUR 9.3 miljun, li huwa konformi mal-volumi previsti kif ukoll mal-aspettattiva taċ-Ċentru li l-investiment fit-teknoloġiji tat-traduzzjoni ser ikollu impatt pożittiv fuq l-infiq għas-servizzi esterni tat-traduzzjoni. Huwa ċar li l-infiq reali se jiddependi ħafna mid-domanda attwali tal-klijenti taċ-Ċentru u l-impatt attwali tat-teknoloġiji tat-traduzzjoni.

Il-kapitolu 31 jinkludi l-infiq taċ-Ċentru għall-ġestjoni tal-bażi tad-*data* tal-IATE kif ukoll il-kontribuzzjoni taċ-Ċentru għal għodod oħra interistituzzjonali ġestiti mill-Kummissjoni. L-ispejjeż għal dawn l-għodod jiddependu mill-ftehimiet finanzjarji annwali bejn il-partijiet li jaġixxu fil-qafas tal-Kumitat Eżekuttiv għat-Traduzzjoni tal-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI).

D. ATTIVITAJIET

L-attivitajiet taċ-Ċentru huma definiti taħt tliet oqsma ta' attività fil-baġit 2022, kif stabbilit fid-dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2022-2024: 1) Attivitajiet operattivi ewlenin; 2) Attivitajiet ta' sostenn; u 3) Attivitajiet ta' ġestjoni u ta' superviżjoni.

Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-2022 huma allokati għat-tliet oqsma ta' attività, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Ir-riżorsi finanzjarji inklużi fit-Titoli 1, 2 u 3 jew jiġu allokati direttament jew indirettament lis-servizzi differenti taċ-Ċentru. L-ispejjeż indiretti huma allokati għall-attivitajiet tagħna, u konsegwentement għas-servizzi tagħna, permezz tal-mekkaniżmi tal-metodoloġija ta' Bbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività (ABB). Id-dettalji huma stabbiliti fl-abbozz tad-dokument ta' programmar taċ-Ċentru 2022-2024 (Ref.CT/CA-002/2021).

	% tar-riżorsi umani (persunal)	% tar-riżorsi finanzjarji	Riżorsi finanzjarji
Attivitajiet operattivi prinċipali	**64.3 %**	**74.6 %**	**33 794** 868
Traduzzjoni	*25.2 %*	*21.6 %*	*9 778 759*
Reviżjoni	*0.0 %*	*0.0 %*	*0*
Modifika	*1.4 %*	*1.2 %*	*536 643*
Editjar	*0.1 %*	*0.0 %*	*22 139*
Sottotitolar	*0.0 %*	*0.0 %*	*1 747*
Riċerka tat-terminoloġija	*0.3 %*	*0.2 %*	*98 273*
Validazzjoni Interna	*25.0 %*	*21.4 %*	*9 720 896*
Ġestjoni tat-talbiet tal-klijent	*1.9 %*	*1.4 %*	*617 188*
Preproċessar u preformattjar tekniku (TECH + CAT)	*2.3 %*	*1.6 %*	*732 014*
Ġestjoni tal-esternalizzazzjoni	*1.6 %*	*1.1 %*	*516 716*
Preproċessar lingwistiku — dokumenti ta' referenza (tiftix dokumentarju) REF	*0.3 %*	*0.2 %*	*100 473*
Proċessar ta' wara (CAT+TECH)	*1.3 %*	*0.9 %*	*416 243*
Ġestjoni ta' memorji tat-traduzzjoni u traduzzjoni awtomatika	*1.8 %*	*1.2 %*	*559 775*
Terminoloġija	0.7 %	*0.5 %*	*229 651*
Fluss tax-xogħol tal-EUTM	1.5 %	*1.0 %*	*473 656*
Klassifikazzjoni mill-ġdid	0.6 %	*0.4 %*	*193 768*
IATE	0.4 %	*1.2 %*	*545 422*
Servizzi esterni tat-traduzzjoni		*20.4 %*	*9 250 000*
Attivitajiet ta' sostenn	**24.3 %**	**18.8 %**	8 **538 924**
Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni	**11.4 %**	**6.6 %**	2 989 608
Approprjazzjonijiet fit-Titolu 10: **'Fondi ta' Riżerva', mhux allokati għal attività**	**0 %**	**0 %**	0
Total	**100 %**	**100 %**	**45 323 400**

Deskrizzjoni ta' sotto-attività

Attivitajiet	Deskrizzjoni
Traduzzjoni	Traduzzjoni ta' dokumenti u ta' EUTMs. F'din l-attività, l-ispiża tat-traduzzjoni interna biss titqies peress li t-traduzzjoni ssir internament.
Reviżjoni	Tradutturi interni jwettqu din l-attività, li tikkonsisti fit-tqabbil tal-verżjoni tradotta mad-dokument oriġinali.
Modifika	Il-modifika tad-dokumenti tradotti abbażi tal-kummenti riċevuti. It-tradutturi interni jwettqu din l-attività.
Editjar	L-editjar jikkonsisti fir-reviżjoni tal-verżjoni tradotta ta' dokument.
Sottotitolar	Din l-attività hija bbażata fuq is-sottotitolar ta' materjal fuq vidjo.
Riċerka tat-terminoloġija	Din l-attività hija teknika u ġestita minn timijiet tat-traduzzjoni.
Validazzjoni Interna	L-evalwazzjoni tat-traduzzjonijiet imwettqa minn fornituri esterni tas-servizzi.
Ġestjoni tat-talbiet tal-*klijent*	L-analiżi tat-talbiet tal-klijenti u d-determinazzjoni tal-karatteristiċi tal-prodott (format, dominju, eċċ.)
Preproċessar u preformattjar tekniku (TECH + CAT)	Il-wasla ta' talba għat-traduzzjoni u l-upload tat-traduzzjoni fil-memorji tat-traduzzjoni u s-sistema tat-traduzzjoni awtomatika għat-traduzzjoni sussegwenti. Dan huwa pass tekniku li matulu għandu jsir upload ta' kull dokument. Dan jippermetti li l-memorji tat-traduzzjoni jaqblu mad-dokument bi kwalunkwe memorja eżistenti u b'hekk jippermetti l-kalkolu tal-iskont potenzjali għall-klijenti.
Ġestjoni tal- *esternalizzazzjoni*	L-għażla ta' freelancers u l-istabbiliment u l-ġestjoni tal-kuntratti tagħhom.
Preproċessar lingwistiku — dokumenti ta' referenza (tiftix dokumentarju) REF	L-ipproċessar ta' dokumenti qabel ma' jsir upload tagħhom fil-memorji tat-traduzzjoni.
Proċessar ta' wara (CAT+TECH)	L-ifformattjar ta' dokumenti u s-soluzzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni teknika.
Ġestjoni ta' memorji tat-traduzzjoni u traduzzjoni awtomatika	L-organizzazzjoni u l-aġġornament tal-kontenut tal-memorji tat-traduzzjoni u l-corpus tat-traduzzjoni awtomatika.
Terminoloġija	L-analiżi tal-ordnijiet tal-klijenti u l-organizzazzjoni ta' xogħol ta' riċerka tat-terminoloġija.
Fluss tax-xogħol tal-*EUTMs*	L-analiżi tal-ordnijiet tal-klijenti u l-organizzazzjoni tat-traduzzjoni tal-EUTMs.
Klassifikazzjoni mill-ġdid	L-adattament tal-lista ta' tradutturi freelance abbażi tal-evalwazzjoni tal-kwalità tagħhom.
IATE	Il-ġestjoni tal-bażi tad-*data* tal-IATE
Servizzi esterni tat-traduzzjoni (***)	Infiq relatat mas-servizzi lingwistiċi mogħtija minn fornituri tas-servizzi esterni.

It-tabella ta' hawn taħt turi n-numru totali ta' paġni, termini u l-previżjoni tad-dħul għall-2022 imqabbla mal-baġit 2021. It-tabella turi l-previżjonijiet għall-2022 ipprovduti mill-klijenti, inkluż l-impatt possibbli tat-tfaddil li jirriżulta mill-istruttura tal-prezzijiet għat-traduzzjoni ta' dokumenti għal kull klijent ikkalkulat miċ-Ċentru. Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta f'Parti III, 'Dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq - Dettalji'.

	Abbozz preliminari tal-baġit 2022	Baġit 2021	Tqabbil
Previżjoni tal-għadd totali ta' paġni ta' trademarks tal-UE	197 221	284 686	-30.7 %
Previżjoni tal-għadd totali ta' paġni ta' dokumenti	343 756	322 443	6.6 %
Numru totali ta' paġni	*540 977*	*607 129*	*-10.9 %*
Previżjoni ta' numru totali ta' listi ta' termini	60 338	60 540	-0.3 %
Previżjoni tad-dħul totali minn traduzzjonijiet, terminoloġija u listi ta' termini	43 393 100	44 228 100	-1.9 %

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – ĦARSA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Abbozz preliminari tal-bağit 2022	Bağit 2021	Eżitu 2020
	DĦUL			
1	**PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-**KORPI	**43 393** 100	**44** 228 100	**42 949 640**
2	**SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI**	**p.m.**	**p.m.**	0
3	**KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI**	**634 300**	629 900	628 **653**
4	**DĦUL IEĦOR**	102 **400**	**642** 150	**371** 022
5	SURPLUS RIPORTAT MIS-**SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI**	1 **193** 600	1 **309** 150	
	Fond ta' riżerva għall-istabilità fil-prezzijiet	1 **193** 600	1 **241** 650	
	Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni	**p.m.**	67 500	
6	**RIFUŻJONIJIET**	**p.m.**	**p.m.**	0
	TOTAL	**45 323 400**	**46** 809 **300**	**43 949 315**
	INFIQ			
1	**PERSUNAL**	27 **840** 200	27 571 500	**24 430 429**
2	**BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV MIXXELLANJU**	7 500 000	8 279 600	6 725 501
3	**INFIQ OPERATTIV**	9 **983** 200	10 958 200	10 961 **389**
10	**FONDI TA' RIŻERVA**	**p.m.**	**p.m.**	0
	TOTAL	**45 323 400**	**46** 809 **300**	**42** 117 **319**

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ 2022 – DETTALJI

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-**bağit 2022**	**Bağit 2021**	**Eżitu 2020**	Rimarki
	DĦUL				
1000	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	192 700	193 300	313 654	1 969 paġna
1001	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	62 400	62 400	163 781	650 paġna
1002	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)	384 100	384 100	157 692	4 002 paġni
1003	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	3 165 500	2 973 900	3 164 899	Dokumenti: 30 680 paġna; listi ta' termini: 242 terminu
1004	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	639 000	647 100	1 099 785	6 503 paġni
1005	Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)	3 985 600	4 194 900	3 941 051	Dokumenti: 36 627 paġna; listi ta' termini: 52 000 terminu; Disinji komunitarji: 8 000 terminu
1006	trademarks tal-EUIPO	8 268 600	11 116 400	12 168 538	197 221 paġna
1007	Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	38 700	38 700	76 607	403 paġni
1008	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	50 700	50 700	92 440	528 paġna
1009	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)	480 000	486 100	430 601	5 000 paġna
100	Artikolu 100	17 267 300	20 147 600	21 609 047	
1010	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)	119 100	110 900	167 242	1 097 paġna
1012	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	1 327 200	1 299 400	1 120 862	13 565 paġna
1014	Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)	p.m.	p.m.	8 827	
1015	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	225 700	225 700	240 078	2 351 paġna
1016	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)	1 312 200	1 223 600	486 604	11 856 paġna
1017	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	72 000	71 300	253 194	751 paġna

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-**baġit 2022**	**Baġit 2021**	**Eżitu 2020**	Rimarki
1018	Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)	32 300	32 300	2 585	336 paġna
1019	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)	275 700	808 400	294 430	2 827 paġna
101	Artikolu 101	3 364 200	3 771 600	2 573 821	
1020	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA)	81 400	71 000	96 920	840 paġna
1021	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	308 700	271 200	584 490	3 052 paġna
1022	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	2 536 400	2 511 300	1 306 275	26 421 paġna
1023	Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)	764 700	747 400	343 307	6 927 paġna
1024	Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)	15 900	15 900	31 605	166 paġna
1025	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)	67 100	18 700	13 907	648 paġna
1026	Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel (Chafea)	673 300	672 300	1 209 365	7 014-il paġna
1027	Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA)	30 300	22 100	17 275	312-il paġna
1028	Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	4 700	4 700	47 314	49 paġna
1029	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	1 515 600	1 809 800	1 631 645	15 787 paġna
102	Artikolu 102	5 998 100	6 144 400	5 282 103	
1030	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	147 000	204 500	430 069	1 506 paġni
1031	Impriża Konġunta Ewropea tal-Fużjoni għall-Enerġija (F4E JU)	51 800	54 500	41 373	540 paġna
1032	Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen)	p.m.	p.m.	0	
1033	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA)	79 200	72 000	41 537	825 paġna

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-**baġit 2022**	**Baġit 2021**	**Eżitu 2020**	Rimarki
1034	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	14 500	54 700	8 578	150 paġna
1035	Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA)	69 700	14 600	1 034	672 paġna
1036	Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)	1 955 700	1 209 000	17 015	19 695 paġna
1037	Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Clean Sky 2 JU)	4 200	4 200	1 860	30 paġna
1038	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	48 000	65 700	191 813	541 paġna
1039	Impriża Konġunta SESAR (SJU)	15 300	19 900	6 978	159 paġna
103	Artikolu 103	2 385 400	1 699 100	740 256	
1042	Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2 JU)	5 000	5 000	972	Dokumenti: 48 paġna; listi ta' termini: 96 terminu
1043	Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2 JU)	2 400	2 200	0	23 paġna
1045	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO)	2 786 500	2 775 900	3 432 946	27 624 paġna
1046	Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	669 100	481 500	248 703	7 340 paġna
1047	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	596 800	586 700	716 808	6 479 paġna
1048	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	639 300	1 086 200	810 436	6 594 paġna
1049	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	123 900	122 700	164 617	1 265 paġna
104	Artikolu 104	4 823 000	5 060 200	5 374 482	
1050	L-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Uffiċċju BEREC)	113 200	113 200	36 477	1 340 paġna
1051	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)	1 111 500	733 600	811 305	11 639 paġna

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-**baġit 2022**	**Baġit 2021**	**Eżitu 2020**	Rimarki
1052	Impriża Konġunta tal-Komponenti Elettroniċi u Sistemi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL JU)	4 700	4 700	1 081	48 paġna
1053	Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi (Narkotiċi) (MAOC (N))	p.m.	p.m.	0	
1054	Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)	1 647 600	1 497 800	1 054 655	17 162 paġna
1055	Skejjel Ewropej	63 600	62 900	43 405	662 paġna
1056	Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BBI JU)	p.m.	p.m.	0	
1057	Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R JU)	p.m.	p.m.	22 229	
1058	Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs-JC)	p.m.	p.m.	0	
1059	Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)	500	500	385	5 paġni
105	Artikolu 105	2 941 100	2 412 700	1 969 536	
1060	Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)	2 102 900	1 886 500	89 398	21 688 paġna
1061	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	1 111 400	—	—	Dokumenti: 1 900 paġna; Servizz tat-Traduzzjoni ddedikat apposta
106	Artikolu 106	3 214 300	1 886 500	89 398	
1099	Dħul minn klijenti ġodda	p.m.	182 400	0	
109	Artikolu 109	p.m.	182 400	0	
10	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI U L-KORPI	39 993 400	41 304 500	37 638 644	
1100	Kummissjoni Ewropea	1 190 700	1 190 100	3 463 373	Dokumenti: 12 362 paġna. Il-volum għad-dokumenti jinkludi l-volumi stmati għad-DĠ Ġustizzja, Konsumaturi u DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u DĠ GROW Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs.
1101	Parlament Ewropew	p.m.	p.m.	349	

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-**baġit 2022**	**Baġit 2021**	**Eżitu 2020**	Rimarki
1102	Kunsill tal-Unjoni Ewropea	320 000	316 800	14 658	3 334 paġna
1103	Qorti Ewropea tal-Awdituri	12 700	13 300	22 506	124 paġna
1104	Kumitat Ewropew tar-Reġjuni	p.m.	p.m.	8 635	paġni
1105	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	p.m.	p.m.	26 781	paġni
1106	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	p.m.	p.m.	3 678	
1107	Bank Ċentrali Ewropew	57 600	58 800	58 057	600 paġna
1108	Ombudsman Ewropew	103 800	102 000	264 589	1 081 paġna
1109	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS)	1 714 900	1 242 600	1 448 371	17 687 paġna
110	Artikolu 110	3 399 700	2 923 600	5 310 996	
11	PAGAMENTI MILL-ISTITUZZJONIJIET	3 399 700	2 923 600	5 310 996	
1	**PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI**	**43 393 100**	**44 228 100**	**42 949 640**	**L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.**
2000	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	
200	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	p.m.	0	L-Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
20	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0	
2	**SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI**	**p.m.**	**p.m.**	**0**	
3001	Parteċipazzjoni fil-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI)	p.m.	p.m.	0	
3002	Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali	634 300	629 900	628 653	Din il-partita tkopri dħul riċevut minħabba l-ġestjoni taċ-Ċentru ta' proġetti interistituzzjonali, b'mod partikolari l-proġett IATE.
300	Kooperazzjoni interistituzzjonali	634 300	629 900	628 653	

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-**baġit 2022**	**Baġit 2021**	**Eżitu 2020**	Rimarki
30	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	634 300	629 900	628 653	
3	**KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI**	**634 300**	**629 900**	**628 653**	
4000	Imgħax bankarju	5 000	10 000	0	
400	Imgħax bankarju	5 000	10 000	0	Dan l-artikolu jkopri mgħax li ċ-Ċentru jirċievi fil-kontijiet bankarji tiegħu.
4010	Ħlasijiet lura mixxellanji	97 400	388 900	127 772	
401	Ħlasijiet lura mixxellanji	97 400	388 900	127 772	Dan l-artikolu jkopri ħlasijiet lura mixxellanji, inkluż dħul mis-sullokazzjoni tal-ispazju tal-uffiċċji u l-ispazju tal-parkeġġ u l-ospitar ta' ċentru tad-*data* għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.
4020	Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu	p.m.	243 250	243 250	Din il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu hija b'sostenn tal-ħlasijiet ta' kiri annwali taċ-Ċentru.
402	Kontribuzzjonijiet oħra	p.m.	243 250	243 250	
40	DĦUL IEĦOR	102 400	642 150	371 022	
4	**DĦUL IEĦOR**	**102 400**	**642 150**	**371 022**	
5000	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-22 ta' Settembru 2019.
500	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	0	
5010	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni'	p.m.	67 500	0	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni' jikkorrispondi għall-infiq fil-Kapitolu 32, 'Infiq relatat mal-programm eCdT '.
5015	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-istabilità fil-prezzijiet'	1 193 600	1 241 650	0	It-trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-istabilità fil-prezzijiet' huwa meħtieġ biex ikun ibbilanċjat il-baġit.
501	Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	1 193 600	1 309 150	0	
50	SURPLUS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	1 193 600	1 309 150	0	

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-**baġit 2022**	**Baġit 2021**	**Eżitu 2020**	Rimarki
5	**SURPLUS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI**	**1 193 600**	**1 309 150**	**0**	
6000	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
600	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
60	RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI	p.m.	p.m.	0	
6	**RIFUŻJONIJIET**	**p.m.**	**p.m.**	**0**	
	Dħul Totali	**45 323 400**	**46 809 300**	**43 949 315**	
	INFIQ				
1100	Salarji bażiċi	16 151 400	16 087 300	14 562 447	Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1101	Konċessjonijiet għall-familja	1 537 100	1 529 100	1 260 468	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom, u s-Sezzjoni I tal-Anness VII tagħhom. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-konċessjonijiet tal-familja, tal-ulied dipendenti u tal-edukazzjoni għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1102	Konċessjonijiet ta' espatrijazzjoni u ta' residenza barranija	2 549 300	2 535 500	2 387 920	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 69 tagħhom, u l-Artikolu 4 tal-Anness VII tagħhom. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-konċessjonijiet ta' espatrijazzjoni u ta' residenza barranija għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1103	Konċessjonijiet segretarjali	13 700	13 600	8 960	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-konċessjoni segretarjali mħallsa lil uffiċjali u lil persunal temporanju fil-kategorija AST impjegati bħala tajpisti stenografiċi jew tajpisti, operaturi ta' telex, kompożitur tat-tipi, segretarji eżekuttivi jew segretarji prinċipali, li kienu intitolati jirċevuha qabel l-1 ta' Mejju 2004.
110	Persunal b'impjieg attiv	20 251 500	20 165 500	18 219 795	
1113	Trainees	37 300	36 900	433	Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri nfiq relatat ma' trainees.

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Abbozz preliminari tal-**baġit 2022**	**Baġit 2021**	**Eżitu 2020**	Rimarki
1115	Persunal kuntrattwali	1 631 600	1 619 500	1 104 934	Il-Kondizzjonijiet tal-Impieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3a u t-Titolu IV tagħhom.
111	Persunal kuntrattwali u trainees	1 668 900	1 656 400	1 105 367	Dan l-artikolu kien preċedentement imsejjaħ 'Persunal awżiljarju u persunal lokali'.
1120	Taħriġ professjonali tal-persunal	180 700	177 200	87 487	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.
112	Taħriġ professjonali tal-persunal	180 700	177 200	87 487	
